# APPELLI INFERJURI
# IT-TIELET SEZZJONI

**16 ta' Marzu, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. W. Harding, C.B.E., K.H., B.Litt., LL.D.**

Michael Vella

*versus*

Joseph Bajada għall-Każin tal-Banda
"Saint Andrew's Band" ta' Ħal-Luqa

**Kolpa Aquiliana — Impjegati — "Colpa in eligando" — Danni — Logħob tan-Nar —**

*Min iqabbad lil terzi jagħmlu xogħol li neċessarjament jinvolvi riskju għall-proprjetà ta' ħaddieħor, ma jistax jeċċepixxi n-nuqqas ta' "culpa in eligando" meta jiġi azzjonat għad-danni, għax dak id-dannu jkun jirriżulta mill-fatt tiegħu stess.*

Il-Qorti, rat l-avviż preżentat mill-attur quddiem il-Qorti

Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta, li bih talab li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' disa liri (£9), ħsara li hu sofra fir-raba' tiegħu b'logħob tan-nar, li għalih il-konvenut hu responsabbli, u jħallas żewġ liri spejjeż tal-perit agronomu li għamel l-annessa stima, bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra interpellatorja, u bl-ingunzzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni;

Rat il-verbal, li fih il-konvenut eċċepixxa li hu ma hux responsabbli għaliex għax-xogħol tan-nar kien inkarikat Michael Ellul.

Rat is-sentenza mogħtija min dik il-Qorti fl-għoxrin (20) ta' Diċembru, 1962, li biha ġiet miċħuda t-talba tal-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu. Dik il-Qorti kkunsidrat.

Rat in-nota tal-appell tal-attur, u ċ-ċitazzjoni tiegħu, li biha talab li r-revoka ta' dik is-sentenza, bl-ispejjeż;

Trattat l-appell.

Ikkunsidrat:—

L-ewwel Qorti rriteniet li ma kienx hemm xejn li jista' jitradika r-responsabiltà personali tal-konvenut. Kwantu għar-responsabilità tiegħu nomine, ċioè tal-Każin konvenut, dik il-Qorti irretenit li, ġaladarba ma ġiex lanqas biss allegat li l-Każin ċitat qabbad, għal dan il-logħob tan-nar, persuni li ma kienux kompetenti, jew *li hu ma kellux raġun jaħseb li kienu* kompetenti, għalhekk għan-norma tal-art. 1080 tal-Kodiċi Ċivili, il-Każin ma għandux jirrispondi, u, per konsegwenza, ir-respinġiet it-talba fil-leġittimazzjoni tagħha passiva dupliċi;

Ikkunsidrat:—

**Kwantu għar-responsabilità tal-Każin.**

L-ewwel Qorti waqfet fuq l-art. 1080 fuq ċitat. Bir-ris

pett kollu però, għandu jingħad li dik l-indaġina ma kienetx teżawrixxi l-kompitu tal-ġudikant. l-attur, infatti, ma llimitax id-domanda tiegħu għar-responsabilità akwiljana derivanti mill-**culpa in eligendo,** li hi dik viżwalizzata fl-art. 1080 **supra,** imma irriferixxa ruħu fl-avviż b'mod ġenerali għar-responsabiltà tal-*Każin* konvenut, *li, għalhekk, tista' tkun, oltrekkè* għal fatt **ta' ħaddieħor,** bħal fil-kas ta' dak l-artikolu, anki għal fatt **proprju. Il-Qorti tal-ewwel istanza ma eżaminatx dan l-aspett tal-aħħar.**

*Ikkunsidrat:—*

Deher mill-provi li l-isparar tal-murtali sar f'għalqa kontigwa għal dik tal-attur, xi ħames jew sitt piedi 'l bogħod mill-ħajt diviżorju. Ġie provat li, fl-għalqa tal-attur, waqgħu xi mija u ħamsin murtal li ma ħadux, u li ġew maħruqin, apparti ħe-*puti tal-attur, tifel ta' xi erbatax il-sena, korra x'ħin ġabar wie*ħed min dawn il-murtali.

Ġie wkoll pruvat, għas-sodisfazzjon tal-Qorti, li **qabel** dan l-isparar, l-attur kien ipprotesta lill-Pulizija, li jekk isir l-isparar, hu kien sejjer ibati ħsara. Dan il-protest ġie kommunikat mill-Pulizija lill-Każin konvenut, li għalhekk ġie tempestivament diffidat (xh. attur fol. 28, — Spettur Mamo fol. 40 — u 41, — u xh. konvenut fol. 42);

F'dawn il-fatti, din il-Qorti tirravviża l-kolpa tal-Każin għas-sens tal-art. 1074 u 1075 Kap. 23, għaliex kien *faċli li* wieħed jipprevedi li, b'dik il-kwantità ta' murtali sparati hekk viċin lejn il-ħajt diviżorju tal-għalqa tal-attur, speċjalment jekk ir-riħ ikun jew idur f'dik id-direzzjoni anke trasversalment, setgħet issir ħsara fir-raba' tal-attur. Il-għalqa tal-attur tiġi bejn l-għalqa fejn sar l-isparar u r-raħal, u fil-fatt, ix-xhud Ellul, inkarikat bl-isparar, ma setax fix-xhieda tiegħu jeskludi li xi murtali setgħu waqgħu fl-għalqa tal-attur (xh. tiegħu fol.

38). Ix-xhud Magro (rigwardata x-xhieda tiegħu limitatament għall-fatti minnu konstatati **de visu** u mhux għall-kontenut tekniku, li hu **ex parte**) jgħid li s-sigar tad-dwieli oħra kienu **maħruqin bil-murtali.**

Ikkunsidrat:—

F'dawn il-kontiġenzi, il-Każin konvenut hu responsabili għal **fatt proprju,** apparti mill-kulpa **in eligendo.** L-eżoneru tal-Każin mir-responsabilità tiegħu in bażi għal art. 1080 għal fatt ta' **ħaddieħor** ma tneħħilux ir-responsabilità tiegħu għal **fatt tiegħu stess,** konsistenti filli hu inkarika lil ħaddieħor biex jagħmel l-isparar **f'dak il-post** meta setgħa faċilment jiġi prevedut li setgħet issir ħsara lill-attur, u meta l-istess attur kien, għat-tempo debito, **ipprotesta u ddiffida lil Każin permezz tal-Pulizija.**

Kieku l-ħsara saret (dak li ma ġiex allegat) minħabba xi difett fil-fabbrikazzjoni tax-xogħol tan-nar, allura l-Każin ċitat kien ikun jista' jillibera ruħu billi jgħid li l-fabbrikant, minnu magħżul, Debattista, kien bniedem kompetenti, u kieku l-ħsara saret minħabba li l-isparar sar irregolarment, il-Każin konvenut kien jista' jinvoka l-art. 1080 sopra ċitat billi jgħid li l-persuna li għamlet l-isparar, Michele Ellul, minnu magħżul, kienet kompetenti, imma, esklużi dawn l-ipotesijiet, għandu jibqa', għal kariku tal-Każin appellat fin-nuqqas ta' ċirkostanzi oħra skaġonatriċi, il-fatt li hu, avolja bl-eżerċizzju tad-diliġenza ordinarja tal-**bonus pater familias,** setgħa jantiċipa li, anki jekk il-logħob tan-nar kien maħdum sewwa, u anki jekk kien sparat sewwa, setgħet issir ħsara lill-attur, u avolja kien tempestivament imwissi bil-protesti tal-attur, — ciononostanti, ippersista fl-inkariku li hu kien ta sabiex l-isparar isir **min dak il-post partikolari** u l-Kumitat ma ħax ebda pass ħlief li s-segretarju kellem lil Michele Ellul, u qallu li kull ma jsir ikun għar-risk tiegħu. Dan jista' talvolta jirrifletti r-relazzjonijiet

**interni** bejn il-Każin u Ellul, *iżda* ma jaffettax *id-drittijiet* tal-attur in bażi għal kolpa tal-Każin, kif fuq stabbilita. Il-konvenut nomine setgħa, u kien messu, *ippreveda* li, bil-perizzja b'kollox ta' Debattista u Ellul, ħsara setgħat issir, kif fil-fatt saret, jekk l-isparar isir *min dak il-post*. Lanqas jista' l-Każin konvenut *jittrinċera ruħu wara l-liċenza tal-Pulizija*, mhux biss għax dik *il-liċenza tingħata* (ara xh. Spettur Mamo fol. 40) *bir-riserva li tibqa' mpreġudikata r-responsabilità għal ħsara għal persuni* u/jew proprjetà bħala effett ta' l-isparar, imma anki għaliex hu paċifiku, fil-ġurisprudenza tal-Qrati ta' Malta, *fuq l-insenjamenti* dottrinali Franċiżi, illi f'każijiet simili il-liċenza hi att purament amministrativ, li jħalli **illesa** l-azzjoni għad-danni tat-terz preġudikat (ara sent. Collez. Vol. XV p. 574, konfermata fl-appell, Vol. XVI i — 39);

**Kwantu għar-responsabiltà personali tal-konvenut,** — xejn ma ġie pruvat in sostenju tat-talba in kwantu diretta kontra tiegħu **personalment;**

**Kwantu għall-ammont tal-ħsara,** l-attur talab is-somma fissata mill-espert agrikolu bħala l-ekwivalent tal-ħsara kalendata fol. 14. Dak id-dokument però fol. 4, elaborat u konfermat fix-xhieda ta' Magro fol. 37, hu perizzja ex parte u bħala tali mhux ammissibili. Il-Qorti, però, stante li hemm *inferenzi* sufficjenti, tista' tordna l-ġurament suppletorju in litem, għattenur tal-art. 723 (2) Kap. 15 Ediz. Riv.

**Ikkunsidrat:—**

Fl-ewwel Qorti ma *ġiex ventilat* **il-quantum** tad-danni għax dik *il-Qorti waqfet fuq il-pont* tar-responsabilità, billi ċaħdet it-talba. *Din il-Qorti jidhrilha* opportun tipprevalixxi ruħha mill-art. 231 (2) Kap. 15, biex *tiddeċiedi* anki l-pont tad-danni *hi stess*, stante li ma hemmx kwistjonijiet komplikati;

Għalhekk tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-attur fis-sens li tirriforma s-sentenza appellata, billi tilqa' t-talba, in kwantu diretta kontra l-Każin konvenut, u tiffissa l-ammont tad-danni fis-somma ta' disa' liri, li l-Każin jibqa' kundannat iħallas lill-attur, salv li, fi żmien sitt ijiem mil-lum, l-attur jikkonferma taħt ġurament f'idejn ir-Reġistratur li l-ammont tal-ħsara minnu sofferta fir-raba tiegħu bl-isparar hu ta' disa' liri, — l-ispejjeż relativi għal din il-parti tas-sentenza jitħallsu mill-Każin konvenut, tant dawk ta' l-ewwel kemm tat-tieni istanza, — iżda tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu fiċ-ċaħda tal-istanza kollha ġie li anki ċaħdet it-talba fil-konfront tal-konvenut personalment. Bl-ispejjeż ta' din il-parti tas-sentenza kontra l-attur, tant dawk tal-ewwel kemm ta' din l-istanza, u b'hekk ipprovdiet fuq l-appell tal-attur, — salvi dejjem l-ispejjeż konsegwenzjali, b'liġi, għaċ-ċessjoni.